MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru. 106/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)
vs
Patrick Galea

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Patrick Galea, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 377065(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-28 ta' Settembru, 2000 u fix-xhur ta' qabel fil-fond Nru 96 College Street, Rabat, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' entgraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor;

2) talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq, liema ammont tal-hsara maghmula minnu huwa aktar minn hames mitt lira;
3) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew prodott ta' industrija, jew xjentement, marki jew sinjali iffalsifikati, jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid;
4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ipprovda servizz ta' telekommunikazzjonijiet jew installa jew haddem infrastruttura ta' installazzjoni jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet minghajr awtorizzazzjoni taht u skond xi disposizzjoni ta' l-Att biex jirregola t-telekomunikazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kondizzjoni, restrizzjoni, jew limitazzjoni imposti minn jew that dan l-Att jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni, jew
(b) biegh jew offra ghall-bejgh jew ipprovda jew installa jw uza xi nstallazzjoni jew apparat li ma jkunx konformima dawk l-istandards teknici, jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht dan l-att, jew li kien jaf jew kellu raguni valida ghaliex basar, li jkunu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu imbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom, jew
(c) ikkostitwixxa, serva, mantna, biddel, jew ikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma kellu l-kwalifiki mehtiega ghal dak l-ghan minn jew taht dan l-Att, jew
(d) Uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekommunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawn l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procedimenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-Maltacom kienu identifikaw diskrepanza ta’ tlett gimghat konsekuttivi fuq il-pay phone numru 454676 fi Triq Ferres Rabat. Il-linja giet spezzjonata mill-ufficjali tal-Maltacom illi sabu illi l-linja tal-payphone kienet ittapjata mid-distribution point li kienet lokata fil-vicinanza tal-istore fejn il-linja kienet giet estiza; liema store jappartjeni lill-imputat. Sar rapport fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u ha hsieb l-investigazzjoni l-Ispettur Ivan Portelli u saret ukoll Inkjesta Magisterjali. L-Inginier Saliba’ tal-Maltacom, precizament l-inginier pay phones networks osserva a fol. 21 tal-process illi l-imputat kellu l-linja tat-telephone illi kien juza bhala estension; liema linja huwa kien nehhiha peress illi skond l-istess imputat ma ghadux jopera n-negozju tieghu minn dan l-istore, imma ittrasloka ghal xi imkien iehor faccata ta’ dan l-istess store. L-Inginier Saliba osserva hekk : “Given that the line tapping was not found to be connected to a telephone set I suggest that we should compare the number analysis of calls effected from Mr Galea’s telephone number with the calls effected from the payphone during the last three weeks. Referred for your attention”. Dan ir-rapport l-Inginier Saliba indirizzah lil Miss Ingrid Azzopardi Head Audit fil-Maltacom.

Illi irrizulta illi saru sejhiet b’mod illecitu u l-Maltacom sofriet danni fl-ammont ta’ sitt mija sebgha u ghoxrin lira u tlieta u sittin centezmu (LM627.63).

Illi xehed l-ex Surgent 773 Francis Camilleri u qal illi fit-28 ta’ Settembru tas-sena 2000 kien acceda fuq il-post 96 College Street, Rabat fejn kien assista lil Lawrence Saliba, l-Inginier tal-Maltacom li kien qed jaghmel

spezzjoni f’telephone box ir-Rabat. Ix-xhud qal illi kien irrizulta li l-linja li kienet diehla fit-telephone box kien hemm linja ohra maghha iddupplikata diehla fil-fond 96 Triq il-Kullegg, Rabat u f’dan il-fond kien hemm wire tat-telephone qadim, linja minghajr telephone set. Kien ippruvaha l-inginier fil-prezenza tieghu billi qabbad telephone set maghha u kien hemm linja regolari. Is-sid l jigi l-imputat kien prezenti waqt dan l-access u kien qal illi l-wire kien jidher hekk, pero’ hu qatt ma kien ghamel uzu minnu u stqarr illi huwa ken ha l-fond minghand terza persuna u l-wire kien diga hekk. Ghal dan l-istabbiliment hemm access permezz ta’ cavetta biss u skond l-ex Surgent kien l-imputat illi tahom l-access ghall-fond. Ix-xhud kompla jghid illi l-fond jintuza bhala store, jidher illi huwa antik u l-imputat faccata ta’ dan il-fond ghandu ironmongery shop u jopera minn hemm hekk u stqarr mieghu illi huwa kien jaghmel it-telefonati minn telephone li ghandu fil-hanut tal-ironmongery.

Illi l-Qorti ezaminat ir-rapport ta’ l-Inginier Dr Victor Buttigieg, l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti waqt l-inkjesta. Dr Buttigieg ikkonkluda illi ghalkemm ma kienx hemm telephone set fil-fond il-wires tat-telephone fl-istore tal-imputat kienu attivi fis-sens illi li kieku ried setgha iqabbad telephone set ma dawn il-wires u kien ikun jista icempel minn fuq dan it-telephone set. Li kieku sar hekk, jigifieri li kieku l-imputat ghamel telefonati fl-istore tieghu b’din is-sistema dawn it-telefonati kienu jkunu registrati bhal li kieku saru minn card phone station pubblika.

Il-Magistrat Inkwirenti fir-rapport taghha fl-inkjesta a fol. 39 tal-process qalet illi ma jirrizultax jekk fil-fatt sarux telefonati minn dan l-istore fuq din il-linja ghalkemm jirrizulta li Patrick Galea sid l-istore in kwistjoni jista jkun responsabbli ghal dak li gara f’dan il-kaz. Ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti ordnat lill-Pulizija biex tkompli tinvestiga dan il-kaz, b’mod partikolari lil Patrick Galea, l-imputat sabiex f’kaz li jirrizulta li kien Patrick Galea li ghamel dan ix-xoghol huwa jitressaq il-Qorti b’reati naxxenti mill-ksur tal-att XXX111 tal-1987 dwar it-telekomunikazzjoni.

Illi xehed l-ex-Spettur Ivan Portelli u ikkonferma li meta mar fuq il-post ma kienx hemm telephone set fil-fond li kien store qadim. L-ex-Spettur Portelli xehed ukoll illi l-imputat kien qallu li huwa ma kienx juza l-istore kuljum, illi ma jopperax minn dan l-istore, pero' jopera minn hanut li ghandu f'dawk l-inhawi. Pero' l-ex-Spettur ikkonferma illi l-fergha tat-telephone kienet hajja, kif ikkonferma wkoll l-espert tekniku.

Illi xehed matul dawn il-proceduri Lawrence Saliba l-inginier tal-Maltacom u qal illi fl-istore tal-imputat ma sabx telephone. Huwa qal ukoll a fol. 68 tal-process "Ma ghandix provi illi t-telefonati effettivament saru mill-imputat."

Illi xehed ukoll Charles Mifsud, Technician mal-Maltacom u ftakar illi l-wire kien diehel bl-affarijiet fl-istore tal-imputat. Huwa xehed illi dan kien post antik u ma deherlux li kien hanut u lanqas ma ra impjegati jahdmu f'dan il-fond. Lanqas ma kien hemm telephone set u lanqas ma ra xi telephone set f'dan l-istore. Huwa xehed illi l-wire li kien diehel f'dan l-istore kien gej minn barra pero' huwa ma iffollowjahx, allura ezatt minn fejn kien gej ma jafx.

Illi xehed l-imputat minn jeddu u bil-gurament u qal illi huwa ghandu hanut li jinsab f'71 College Street, Rabat u huwa ikun dejjem hemm hekk peress illi ghandu hanut taz-zebgha u hanut tal-Kmamar tal-Banju fl-istess triq ukoll. Dwar il-fond 96 College Steeet Rabat huwa xehed illi dan il-post huwa tieghu, xtrah madwar 14 il-sena ilu u juzah bhala store u jibghat ukoll in-nies sabiex jghabbu s-cement minn dan il-post. Huwa ikkonferma l-istqarrija tieghu wara li inqratlu. L-imputat kompla jixhed li meta gew tal-Maltacom, huwa fethilhom il-bieb u ezatt mal-lodge li hemm miftuh bil-hgieg fuq barra kien diehel wire ghal gol-istore. Huwa xehed illi l-lodge lanqas biss kellu hgiega. Huwa qal illi din il-connection qatt ma kien raha, qatt ma kien ta kazha, peress illi l-connection qeghda fuq barra u il-connection qeghda pulzier u nofs 'il gewwa mill-lodge biss. L-imputat kompla jixhed li meta gew tal-Maltacom fl-istore ma kellux telephone installat. Fuq il-

cardphone in kwistjoni hemm kaxxa tat-telephone u huwa ra l-inginiera tal-Maltacom, pero' mhuwiex cert jekk fethux jew le din il-kaxxa peress illi ma kienx il-hin kollu maghhom. L-imputat esebixxa diversi kontijiet tat-telephone illi juru illi fil-perjodu imsemmi fl-akkuza huwa kien qieghed ihallas kontijiet tat-telephone kemm tal-mobile phone tieghu, kif ukoll kontijiet fuq it-telephone illi ghandu fil-hanut faccata ta' l-istore in kwistjoni. L-imputat cahad kategorikament illi dik il-connection tal-wire tat-telephone kien ghamilha hu. Huwa xehed illi ma ghamel l-ebda uzu illecitu tal-cardphone u li qatt ma ikkonnettja telephone sabiex jaghmel uzu illecitu mis-servizz tal-cardphone. L-imputat xehed illi huwa minnu illi meta gew l-impjegati tal-Maltacom kien hemm il-wire diehel minn gol-hgiega imkissra li kellu fil-logga ta' l-istore tieghu. Il-wire kien jispicca ezatt pulzier u nofs imdahhal wara l-lodge u ghalhekk xehed illi huwa certament ma setghax jilhqu. Mistoqsi dwar it-telefonati illeciti li saru mill-cardphone li ma gewx registrati mal-Maltacom fil-perjodu meta l-istore kien f'idejh l-imputat irrisponda illi huwa jista jghid biss dwar it-telefonati illi ghamel hu u illi hallas ghalihom u fil-fatt esebixxa l-ircevuti kollha relattivi.

Illi meta l-imputat fuq imsemmi gie interrogat u irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Ivan Portelli, liema stqarrija huwa ghazel ukoll illi jiffirma huwa kien qalilhom illi kien armat bhala ironmonger f'71 College Street Rabat u ghandu ukoll il-fondi numri 93 u 96 fl-istess triq. Dwar il-fond numru 96 huwa qal illi dan kien ilu ghandu xi erbghatax il-sena u juzah sabiex jahzen xi prodotti illi ibiegh. L-imputat kien qal lill-pulizija li fl-istore ma jkun hemm hadd peress illi huwa juzah biss sabiex jahzen l-affarijiet. Mistoqsi dwar il-fergha li gejja mill-cardphone tal-Maltacom l-imputat qal illi b'din il-fergha ma kien jaf xejn u ikkonferma li meta gew l-inginiera tal-Maltacom jittestjaw il-linja huma kellhom jidhlu fil-fond tieghu biex jaghmlu t-testijiet u huwa fethilhom il-bieb. Mistoqsi x'kien jigri kieku ma fethilhomx il-bieb l-imputat qal illi li kieku ma fethilhomx il-bieb l-inginiera setghu xorta jaghmlu testijiet billi jigbdu il-linja 'il barra mill-logga li taghti ghall-istore tieghu. L-imputat rega' cahad kategorikament illi qatt kien ghamel uzu minn

din l-fergha, jew illi ghamel din il-fergha hu, jew illi gieghel lil xi haddiehor jaghmilhielu.

Illi kif diga intqal l-imputat esebixxa diversi kontijiet illi juru illi huwa ghamel numru sostanzjali ta’ calls mill-mobile phone tieghu fil-perjodu imsemmi fl-akkuza.  L-imputat esebixxa wkoll kontijiet tal-Maltacom illi juru illi huwa ghamel diversi sejhiet kemm ghall-linji diretti, kif ukoll ghal mobile phones u dana mit-telephone set illi ghandu fil-hanut tieghu illi jinsab faccata ta’ l-istore imsemmi.  L-imputat gie muri d-dokumenti li jinsabu a fol. 22 sa fol.27 tal-process illi juru n-numru li gew dialed b’mod illecitu minn linja paralella li tqabbdet mal-cardphone u qal illi dwar dawn it-telefonati huwa ma kien jaf xejn.  Meta l-Avukat qralu xi numri li huwa suppost illi iddialja l-imputat xehed illi dwar dawn in-numri huwa ma kien jaf xejn peress illi dawn is-sejhiet ma kienx ghamilhom hu u lanqas ma kien jaf lil min kienu jappartjenu it-telephone numbers imsemmija.  L-imputat xehed illi sabiex xi hadd juza l-fergha li kellu diehla fil-logga ta’ l-istore tieghu ried iqabbad wire kif ghamel it-technician ta’ l-EneMalta u huwa xogholu mhuwiex ta’ technician, qatt ma hadem f’telephones u rega’ cahad kategorikament illi qatt uza din il-fergha.  L-imputat umbaghad rega xehed dwar il-kontijiet tal-Maltacom rigwardanti il-calls illeciti illi saru u xehed illi hemm calls minnhom li saru fid-disgha, l-ghaxra ta’ bil-lejl u huwa dak il-hin ikun id-dar u ma jkunx il-hanut tieghu. Inoltre skond l-imputat ma hemmx dawl fl-istore tieghu. Skond il-kontijiet esebiti mill-Maltacom, saru ukoll telefonati illeciti is-Sibt u l-Hadd tard bil-lejl u dak il-hin huwa ma jkunx il-hanut.  L-imputat rega’ sahaq illi lanqas biss ma ghandu dawl f’dan l-istore.

Ikkunsidrat  :

Il-Qorti ikkunsidrat illi l-imputat esebixxa diversi kontijiet kemm tal-mobile phone tieghu, kif ukoll tat-telephone illi ghandu fil-hanut tieghu li jinsab faccata ta’ dan l-istore li juru li huwa ghamel diversi telefonati u hallas fil-fatt ammonti sostanzjali ta’ flus ta’ dawn it-telefonati li ghamel anke fuq mobile phones u dana fil-perjodu imsemmi fl-akkuza.

Irrizulta wkoll, peress illi dan il-fatt sostnih l-imputat u bl-ebda mod ma gie kontradett mill-Prosekuzzjoni, illi fl-istore in kwistjoni l-imputat lanqas ghandu dawl u fil-fatt saru telefonati tard bil-lejl.

Illi l-imputat mill-bidu nett tal-investigazzjoni li bdiet mill-pulizija, jigifieri mill-istadju ta' meta irrilaxxja l-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda li ta f'dawn il-proceduri, dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni tieghu u cahad kategorikament illi kellu b'xi mod x'jaqsam ma din il-fergha ilecita illi kien hemm hierga mill-cardphone.

Illi l-imputat xehed fatt illi wkoll bl-ebda mod ma gie kontradett mill-Prosekuzzjoni, illi din ic-cavetta ta' l-istore ma kienitx dejjem tkun ghandu peress illi kien jghaddiha lill-haddiema tieghu li kieku jmorru fl-istore ihottu is-cement u affarijiet ohrajn illi huwa kien izomm mahzuna f'dan l-istore.

Illi l-Maltacom kellhom lista "itemised" tan-numri kollha li gew dialled meta saru s-sejhiet illeciti kollha in kwistjoni.

Illi l-Inginier tal-Maltacom irrakkomanda illi peress illi ma kien gie ippruvat bl-ebda mod illi t-telefonati illeciti kienu saru mill-istore tal-imputat u peress ukoll illi ma kien instab l-ebda telephone set f'dan l-istore l-impjegati tal-Maltacom kellhom jaghmlu ezami fis-sens illi jaraw lil min kienu isejhu dawn it-telephone numbers u jaraw jekk kien hemm xi nexus bejn dawn in-numri li gew dialled u l-imputat, liema ezercizzju baqa' ma sarx. Da parti tieghu, l-imputat, meta ra l-lista ta' dawn in-numri tat-telefonati, xehed illi huwa ma jafx lil min jappartjenu dawn it-telephone numbers u cahad kategorikament illi kien hu illi kien ghamel dawn is-sejhiet u ghalhekk ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-Ligi, jigifieri lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien l-imputat illi ghamel dawk is-sejhiet illeciti.

Illi wkoll il-Magistrat Inkwirenti kienet issollecitat lill-pulizija sabiex ikomplu jinvestigaw bil-ghan illi jistabilixxu xi nexus

bejn l-imputat u dawn it-telefonati illeciti. Pero' jidher car illi dan in-nexus fil-fatt ma giex stabbilit.

Illi setgha facilment kien jew xi impjegat ta' l-imputat jew xi hadd jigi mill-imputat illi ghamel dawn it-telefonati u ghalhekk mhijiex prova sufficjenti sabiex l-imputat jinstab hati ta' dawn l-akkuzi illi l-fergha in kwistjoni kienet diehla fl-istore ta' l-imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena, u dana peress illi l-akkuzi kollha ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------